# TANTUM ERGO

Daqs hekk hu mel' Għodda t'Alla
Li fir-Rabta-l-Ġdida b'ġidna
Ġejt miġgħula (1), ġejt magħmula
Mn-idejn Ġiesu Kristu Sidna:

Inqimuk mill-qiegħ ta' qalbna
Bi rkobbtejna fl-art milwija,
Lejk il-fuq ruħna merfugħa
Waqt li r-ras tagħna mbaxxija!

Dak li kien isir fil-Ligi
Il-Qadima spieda u mar
Ma baqagħx ir-riti l-qodma,
Riti ġodda saru aħjar.

Fejn id-dgħajfa sensi tagħna
Ma jwasslux, u safi dehnna
Ma jarax, għaliex imgħammem (2),
Iwettaqna fih wemmenna!

Sabiex bil-għajnejn tal-Wemen (3)
F'dan l-imbierek tagħna Dîn
Il-mistur moħbi taħt xbieha
Nifhmu nsara wi-bnedmin.

O Missier li tista' kollox
Tas-smewwiet u l-art ħallieq,
O Iben t'Alla, wieħed waħdu,
Nisel l-Qodos u la Ħlieq (4),

Intom li kollha kemm hija
T'Alla s-setgħa tinsab fikom
Qawwa sebħ u sliem u barka...
Kollu l-ġieħ jingħata lilkom!

Qawwa sebħ u qima u barka
Lilkom tkun mogħtija, u sliem
Għala dejjem minn ta' dejjem
Għal kemm huwa twil id-dwiem:

Ruħ-il-Qodos, għażla t'Alla, (5)
Illi ġejja minn da' t-tnejn,
Sebħ ukoll jingħata lilek
Daqshom sewwa w-inqas xejn.

(1) Miġgħul hu l-magħmul ta' ġegħel, jiġgħel li jfisser għamel fis-sens ta' waqqaf, istitwixxa. Dan hu egħmil (verb) ewlieni li minnu jitnissel l-egħmil l-ieħor: ġiegħel jġiegħel (mġiegħel) = ġigħel, jiġgħel min jagħmel, ordna li jsir; sejjer sikwit jiġgħel. Biex ma nħawdux ir-rjus ngħidu malajr-illi f'dawn il-verbi (egħmejjel) mita l-ewlieni jaqbeż fl-Imnissel, għalkemm jingħażel fil-grammatka, is-sens jitbiddel u mita ma jitbiddelx minn daqqiet jibqa' l-istess, u għalhekk jaqa' bosta drabi wieħed minnhom, aktarx tal-ewwel.

(2) Mgħammem tfisser għandu l-għmiem (srâb) bit-taljan oscurità bħal għemad li ma jħallix min jara sewwa għama ħierġa minn għerq wieħed.

(3) Wemen emmin wemna jfissru twemmin, fidi.

(4) Nisel l-qodos u la ħlieq = imnissel m'hux maħluq = bit-taljan: generato e non creato dallo Spirito Santo—bl-ingliż begotten not made—U la ħluq = u le ħlieq.

(5) Għażla hawn tfisser persuna jew ruħ magħżula għaliha. Fl-aħħar minn l-aħħar qabel dahlet il-Kelma persuna xi kelma hekk konna ngħidu: u persuna bil-latin persona maskra li kienu jilbsu fit-tjatru u li minnha kien jingħaraf il-Karattru ta' dak li jkun. Ġejja jgħidu minn persono personatus kelma li tinħall f'*per* minn u *sono* il-leħen għax il-persuni li jirreċitaw kienu jingħalżu mil-leħen li kien jinsama' mill-ħalq kbir tal-maskra.